MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 2153/1998/1

**Joseph Mizzi**

**vs**

**Joseph Zammit**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fit 2 ta' Awissu 1998 fil-limiti ta' Hal Tarxien waqt li l-konvenut, Joseph Zammit kien qed isuq il-vettura numru BAV 465 habat mal-vettura numru CAF 985, propjieta tal-attur u misjuqa minnu.

Illi ghal dan i-incident kien unikament responsabbli l-konvenut, Joseph Zammit, u dana billi huwa qasam Triq il-Barrani sabiex jidhol go Triq il-Palma u b' hekk habat mal-vettura tal-attur li dak il-hin kienet ghaddeja fid-dritt sejra

fid-direzzjoni generali ta' B'Bugia u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u kif jidher car mir-Rapport tal-Pulizija (Dok. “JC1”).

Illi b'konsegwenza ta' dan l-incident, li ghalih kien unikament responsabbli il-konvenut u dana minhabba negligenza u in osservanza tar-Regolamenti tat-traffiku, l-vettura tal-attur garbet hsarat konsiderevoli, tant illi giet dikjarata ‘*beyond economical repair*’ u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-attur kien xtara din il-vettura ftit ta' zmien qabel l-incident bil-prezz ta' tlett telef lira Maltin (LM3,000.00) u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar wagt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-konvenut interpellat sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur b' risultat tal-incident imsemmi baqa’ inadempjenti kellha ssir din il-kawza.

Illi l-istess attur talab li ghalhekk il-konvenut, prevja kull dikjarazzjoni necessarja, jghid ghaliex m’ghandiex dina l-Onorabbli Qorti:

(1) Tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi li gara fil-limiti ta' Hal-Tarxien fit-2 ta' Awissu 1998 u ghad-danni li sofra l-attur.

(2) Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b' risultat ta' dan l-incident fl-ammont ta' tlett t’elef Lira Maltin (Lm3,000.00) jew somma ohra verjuri u jekk hemm bzonn bl-opra ta' periti nominandi.

(3) Tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' ittra ufficjali tat-3 ta' Settembru 1998 kontra l-konvenut li jibqa’ minn issa imharrek ghas-subizzjoni, u bl-ispejjez ta' ittra ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma' din ic-citazzjoni kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et seq.* tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol.14 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi l-ewwel talba ghandha tigi michuda ghax ghall-incident stradali in kwistjoni kien jahti l-attur.

2. Illi it-tieni talba ghandha tigi ugwalment michuda billi m'hemm ebda danni tal-attur li ghandhom jigu likwidati fil-konfront tal-eccipjent.

3. Illi jsegwi, riferibilment ghat-tielet talba, li m'hemm ebda *quantum* ta' danni li l-eccipjent ghandu jigi kundannat ihallas lill-attur.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u b'rizerva ta' kull azzjoni spettanti lill-eccipjent anke konguntament ma martu li sfat permanentement debilitata in segwitu ghal dan l-incident

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol.14 *et seq.* tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tal-4 ta’ Mejju 1999; tat-28 ta’ April 2000; tat-23 ta’ Gunju 2000; tad-29 ta’ Novembru 2000; tat-12 ta’ Dicembru 2000;

Rat in-nota tal-attur li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu;

Rat il-verbali tas-seduti tal-25 ta’ Jannar 2001; tal-20 ta’ Marzu 2001 fejn xehdu Lawrence Curmi u PC 767 Ismael Vassallo;

Rat in-nota tal-konvenut li permezz taghha esebixxa l-affidavit ta’ Maria Nazzarena Zammit;

Rat il-verbali tas-seduti tat-13 ta’ Gunju 2001 fejn Dr.Abela ddikjara li m’ghandux provi aktar. Xehed Joseph Mizzi; tat-18 ta’ Ottubru 2001 fejn Dr.Micallef Stafrace

ddikjara li m'ghandux provi aktar; tal-10 ta' Jannar 2002 fejn Dr.Abela talab li jaghmel nota. Dr.Micallef Stafrace m'opponix ghal tali talba.Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' 40 gurnata lill-attur biex jipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto'notifika lid-difensur tal-kontroparti li jkollu 40 gurnata biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-21 ta' Marzu 2002;

Rat ir-rikors tal-attur ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza biex isir il-kontro-ezami ta' Maria Nazzarena Zammit u rat li l-Qorti laqghet it-talba;

Rat il-verbali tas-seduti tal-21 ta' Marzu 2002 u tal-11 ta' Gunju 2002 fejn xehdu Nazzarena Zammit u l-konvenut. Id-difensuri ddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar u t-tnejn talbu li jaghmlu nota. Il-Qorti laqghet it-talba u ddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghat-12 ta' Dicembru 2002 u tat-12 ta' Dicembru 2002 fejn thalliet ghas-sentenza ghal lum is-7 ta' Jannar 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

### A. <u>Azzjoni Attrici .</u>

Illi din hija kawza dwar incident awtomobilistiku li gara fit-2 ta' Awissu 1998 fil-limiti ta' Hal Tarxien bejn vettura Numru CAF 985 misjuqa mill-attur u l-karozza Numru BAV 465 misjuqa mill-konvenut. L-attur qed jitlob li l-konvenut jigi dikkjarat responsabbli tal-istess incident u danni, u jigi kkundannat ihallas id-danni likwidati lilu.

Illi l-konvenut qed jikkontesta r-responsabblita' tieghu tal-istess incident stante li ghall-incident in kwistjoni kien jahti l-attur u b'hekk m'hemm ebda danni li ghandhom jigu likwidati.

### <u>B. Provi Prodotti Dwar l-Incident.</u>

Illi fl-affidavit tieghu l-attur **Joseph Mizzi** spjega li fid-data in kwistjoni ghal habta ta' 12.45a.m. kien qed isuq il-karozza tieghu Ford Fiesta (CAF 985) go Triq Tal-Barrani. Hu kien gej min-naha ta' Santa Lucia sejjer fid-direzzjoni ta' Birzebbugia. Hu kien wahdu u kien qed isuq bi speed ta' 75 kilometri fis-siegha. It-triq li kien ghaddej minnha hi *"dual carriageway"* u hu kien qed isuq fuq in-naha ta' gewwa u kellu *d-dipped lights*.

Illi hu qal li ma kienx hemm vetturi ohra fit-triq mieghu. Meta wasal vicin it-*traffic lights* li hemm fl-inkrocju li jwassal ghal Hal Tarxien li ma kienux qed jahdmu hu naqas l-ispeed tieghu billi ra vettura wieqfa fuq il-*lane* ta' barra. Kif wasal aktar vicin tat-*traffic lights*, forsi kien xi 60 pied lura, hu ma ra l-ebda vettura ohra (hlief dik imsemmija) pero' jiftakar li ra dawl ta' karozza jaqsam quddiemu u ghalhekk ghafas il-*brake*. F'daqqa wahda, kif kien qed jaghfas il-*brake*, ra karozza taqsam minn quddiemu sabiex tmur fid-direzzjoni ta' Hal Tarxien u habtu. Id-daqqa tieghu kienet fuq quddiem waqt li d-daqqa fuq il-vettura tal-konvenut kienet fuq il-bieba u l-*mudguard* tax-xellug ta' quddiem. Kif habtu, l-vettura tieghu daret u gie thares lejn Triq il-Palma, waqt li l-vettura tal-konvenut spiccat thares lejn Birzebbugia. Hadd m'ammetta tort. Fl-incident il-vettura tieghu spiccat *'beyond economical repair'.*

Illi in kontro-ezami xehed li ma kienx jaf jekk it-*traffic lights* ta' qabel il-Petrol Station wkoll mitfija. Illi hu gie mistoqsi jekk hu hassx il-bzonn li jara ghalfejn il-karozza l-ohra kienet wieqfa qal li hu raha izda lill-konvenut ma rahx. Ghalkemm kellhom dwal rah meta kien tard wisq. Irrizulta mir-ritratti u mix-xhieda tieghu li hu kellu hsara mal-faccata u l-karozza tal-konvenut kellha hsara fil-genb xellugi. Effettivament kienet il-karozza tieghu li dahlet fuq dik tal-konvenut.

Illi **Lawrence Curmi** kkonferma li l-vettura CAF 985 inxtrat minghandu mill-attur Joseph Mizzi fl-ammont ta' tlett elef lira Maltija (Lm3,000).

Illi **PC 767 Ismael Vassallo** esebixxa kopja tal-iskizz u tar-rapport tal-Pulizija. Hu xehed x'sab meta mar fuq il-post tal-incident. Hu kkonferma li t-*traffic lights* kienu mitfija. Tal-Barrani hi kontrollata mit-*traffic lights* li jindikaw li z-zewg toroq huma toroq principali. Il-konvenut Zammit qallu li xeghel l-*indicator* li kien se jdur, pero' ma jiftakarx jekk meta mar fuq il-post sabx l-*indicator* ta' xi hadd minnhom jixghel. Illi fil-mument tal-impatt il-vettura 465 kienet fil-kareggjata tat-triq fuq in-naha tax-xellug ghax kienet qed taqsam it-triq min-naha ghall-ohra. Mal-konvenut kien hemm passiggiera mieghu martu. Il-hsara fil-vettura 975 kienet kollha fuq quddiem, mentri l-hsara fil-karozza 465 kienet fuq quddiem u fil-genb.

Illi **Maria Nazzarena Zammit** xehdet fl-affidavit taghha li fl-1 ta' Awissu 1998 kellha "party" ma' zewgha f'sala Gudja Road, Tarxien. Ftit qabel nofs il-lejl hi u zewgha telqu. Marru biex johorgu fuq Tal Barrani u t-*Traffic lights* kienu mitfija. Huma marru biswit it-triq ta' Hal Tarxien Centre, waqfu nklinati u kienet gejja karozza min-naha ta' Santa Lucia bid-dawl taghha jixghel u dan waqfilhom – petpet id-dawl biex itihom sinjal biex ighaddu. Anki huma kellhom id-dawl. Zewgha ccaqlaq u beda jdur minn quddiem il-karozza li waqfet u *"giet daqqa tremenda"* ta' karozza ohra. Hi ma rat ebda dawl fit-triq ta' karozza ohra barra dik li waqfet u l-karozza li laqtithom ratha fuqha bla ma rat dawl fuqhom. Bid-daqqa daru aktar minn darba. Hi wegghet gravament u spiccat erba' xhur l-Isptar u qed tistenna operazzjoni.

Illi in kontro-ezami xehdet li meta qabzu lill-vettura li kienet ceditilhom sabu lill-attur ma' wicchom. Hi sostniet li l-vettura ma kellhiex dawl u ma rawhx mill-boghod. Ratu meta wasal fuqhom. L-attur kien gej min-naha ta' Sta.Lucia. Hi ma kienitx taf jekk teptipx id-dawl u jekk inxteghelx l-*indicator*.

Illi l-konvenut **Joseph Zammit** fid-dikjarazzjoni tieghu qal li fit-2 ta' Awissu 1998 hu kien qed isuq il-karozza tieghu BAV 465 f'Tal-Barrani mit-Triq tal-Gudja u kiser lejn Santa Lucia. Dak il-lejl it-*traffic lights* kollha f'Tal Barrani f'dawk l-inhawi kienu mitfija. Huwa ried imur Haz-Zabbar izda ma

qasamx dritt minn Gudja Road lejn it-Triq ta' Bulebel billi hemmhekk it-traffiku jghaddi f'hafna direzzjonijiet. Hu ghazel li jikser minn quddiem Triq Palma. Wara li minn Gudja Road kiser lejn ix-xellug, ha posizzjoni lejn *ic-centre strip* ha jidhol Triq Palma. It-*traffic lights* kienu wkoll mitfija. Huwa xeghel l-*indicator* tal-lemin. Waqt li kien wieqaf, karozza gejja min-naha ta' Santa Lucia qrib ic-*centre strip* tan-naha taghha, waqfet bil-galbu kollu u taghtu sinjal biex jaqsam billi petpet id-dwal ta' quddiem. Min-naha ta' Santa Lucia ma dehru ebda fanali ta' vettura jew vetturi ohra. Hu beda bil-mod jaqsam meta f'daqqa wahda gie hoss ta' *brake* segwit minnufih minn daqqa vjolenti mix-xellug. Huma daru diversi drabi u mbuttat il-karozza tieghu u spiccat thares lejn Bir id-Deheb u mhaxkna got-*traffic island*. Il-Fiesta spiccat wiccha lejn Triq Palma u 'l isfel izjed fit-triq .

Illi iz-zewg vetturi spiccaw *'beyond economical repair'* u hu qed isostni li l-attur kien gej bi *speed* enormi. Il-mara tieghu kienet wegghet serjament f'dan l-incident. Minhabba li martu kienet wegghet hu ma kienx ha n-numru tal-karozza li waqfet minkejja li din baqghet ghal xi hin fuq il-post tal-incident ghalkemm indikaha lil P.C.767 biex jiehu notament.

Illi in kontro-ezami qal li hu ma jistax jixhed bil-gurament li l-attur kellu d-dawl mitfi izda hu ma ralux dawl meta mar fuqu. Illi kif ippunta 'l quddiem tal-karozza tieghu minn quddiem il-karozza li waqfitlu biex taqsam sab lill-attur. Meta kien se jaghmel il-manuvra biex jibqa' ghaddej fil-mument tal-habta l-vettura l-ohra kienet ghadha wieqfa. L-attur baqa' dejjem fuq il-karregjata tieghu ghalkemm gie fuq il-*"crown of the road".* Hu qal li ma rahx gej.

## C. RESPONSABBLITA' TAL-INCIDENT.

Illi mill-provi rrizulta li l-attur dakinhar tal-incident kien qed isuq fi Triq Tal-Barrani gej min-naha ta' Santa Lucia sejjer fid-direzzjoni ta' Birzebbugia. Filwaqt illi l-konvenut kien qed isuq fi Triq Tal-Barrani fid-direzzjoni lejn Triq il-Palma, Tarxien. Illi inoltre' z-zewg partijiet jaqblu illi dakinhar it-*traffic lights* kienu mitfija.

Illi l-attur, li kien qed isuq fuq in-naha ta' gewwa, isostni li meta wasal vicin it-*traffic lights* li hemm fl-inkrocju li jwassal ghal Tarxien, huwa naqqas l-i*speed* tieghu billi ra vettura ohra wieqfa fuq il-*lane* ta' barra. Kif wasal aktar vicin it-*traffic lights*, circa sittin (60) pied lura, ma ra ebda vettura ohra hlief li ra dawl ta' karozza jaqsam minn quddiemu, ghafas il-*brake* izda xorta habtu.

Illi l-konvenut isostni li hu kien gej mit-triq tal-Gudja, kiser fuq ix-xellug tieghu u gibed lejn Santa Lucia waqt li mar mal-linja medjana biex jidhol go Palm Street, Tarxien biex jaqsam linja wahda biss ta' traffiku. Waqt li hu kien wieqaf, karozza gejja min-naha ta' Santa Lucia qrib ic-*centre strip* tan-naha taghha, waqfet u tat sinjal lilu biex jaqsam billi petpet id-dawl. Min-naha ta' Santa Lucia ma dehru ebda fanali ta' karozza/i ohra. Meta beda jaqsam bil-mod sema' hoss ta' *brake* segwit minn daqqa vjolenti mix-xellug.

Ili huwa sintomatiku li l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Jesmond Bonello vs Giulio Baldacchino"** deciza fil-15 ta' Jannar, 1997 qalet illi:

*"... f'materja ta' determinazzjoni ta' responsabblita' ghall-incident awtomobilistiku l-Qorti ghandha dejjem tiggudika a bazi ta' dak li jirrizultalha li kienet il-kawza prossima w immedjata tieghu u tapplika ghalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F'materja ta' sewqan huma r-regolamenti u t-tharis u l-ksur taghhom li jaddebitaw ir-responsabblita' u mhux l-ekwita' u gudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li ghandhom jigu rigidament applikati. Dan biex jigi assigurat l-ordni, fir-rispett ta' l-istess regolamenti, li wahdu jista' jipprevjeni l-incidenti."*

Illi jinghad ukoll li wiehed irid isib f'kull kaz il-kawza prossima tal-istess incident u f'dan il-kuntest japplika dak li inghad fil-kawza **"Amadeo Mea vs Carmelo Vella"** (A.C. 24 ta' Jannar 1966) li ghall-fini ta' allokament ta' responsabblita ghall-kollizzjoni dak li legalment ghandu jigi rigwardat hu n-ness ta' kazwalita' prossima u effettiva tal-istess sinistru.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, m'hemm l-ebda dubju li t-toroq li kienu qed juzaw l-utenti huma t-tnejn toroq ta' importanza. Illi m'hemm l-ebda dubju li l-attur kien miexi fit-triq dritta u kwindi huwa kellu *r-right of way* ladarba t-*traffic lights* kienu mitfija. Illi apparti dan ma hemm l-ebda dubju lanqas fl-opinjoni ta' din il-Qorti li l-istess attur kellu d-dritta peress li Tal-Barrani Road hija *major road* u huwa kien ser jibqa' ghaddej ghad-dritt fuq l-istess triq, u apparti l-kawtela li kull sewwieq ghandu jiehu meta jkun qed isuq f'kull cirkostanza, id-dritta hija dejjem tieghu, la darba ma kienx hemm dawl tat-traffiku li jnaqqsu u jirrestringu tali dritta.

Illi dan johrog car ukoll jekk wiehed jara l-lok tas-sinistru fejn kif huma l-istess toroq ma jhalli l-ebda dubju f'kull sewwieq li Triq il-Barrani hija triq magguri u l-utenti taghha ghandhom d-dritta, li certament lanqas ghandha tfisser li wiehed jista' jabbuza minn tali posizzjoni, ghaliex dejjem japplika l-principju li f'materja ta' sewqan l-prekawzjoni u l-obbligu li jigi evitat incident huwa dak li huwa bazilari u primarju ghal kull utent tat-triq.

Illi apparti dan mill-posizzjoni li kien il-konvenut jirrizulta li huwa bilfors ried jaqsam *il-flow of traffic* biex minn Triq Tal-Barrani jkun jista' jidhol ghal go Triq il-Palma. Illi f'dan il-kuntest il-konvenut qed isostni li kien hemm karozza li ghamlitlu sinjal biex ikun jista' jaqsam u dan sa certu punt gie konfermat mill-istess attur ghax xehed li ra karozza wieqfa izda ma kienx jaf ghalxiex. Illi ma giex ippruvat soddisfacentement illi l-attur kellu d-dawl mitfi ghax il-konvenut innifsu bil-gurament ma setax ighid dan.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi kien xorta jinkombi l-obbligu fuq il-konvenut li jesplora t-triq sew qabel ma jaqbad u jaqsam minn quddiem il-karreggjata li kien fiha l-attur. Evidentement dan naqas li jaghmlu ghax kemm hu kif ukoll martu ddikjaraw li ma raw l-ebda karozza gejja mid-direzzjoni ta' Santa Lucia u b'hekk naqas li jzomm *a proper look out.* Fil-fatt l-ammissjoni tal-konvenut li jghid li ma ra xejn qabel l-impatt hija awtoinkolpazzjoni, stante li huwa jkun qed jaccetta l-fatt li qabel ma qasam u anke

hekk kif kien qed jaqsam huwa ma ghamilx esplorazzjoni sewwa tat-triq, u dan huwa iktar gravi meta l-istess konvenut kien konxju tal-fatt li huwa kien qed jikser il-*flow of traffic.*

Illi l-istess konvenut ma jista' jsib ebda soljev mill-allegazzjoni li karozza fuq in-naha ta' barra minn fejn kien gej l-attur kienet ghamlitlu s-sinjal sabiex huwa jkun jista' jaqsam, ghaliex xorta wahda jinkombi l-obbligu fuq il-konvenut li jesplora sewwa t-triq qabel ma jaqsam l-inkroccju, u ma jaqsamx jekk ma jkunx cert li dan jista' jaghmlu minghajr perikolu ghall-utenti l-ohra tal-istess triq.

Illi f'dan il-kuntest il-Qorti tirreferi ghas-sentenza **"Anthony Fabri nomine vs Edward Attard"** (M. 28 ta' Mejju 2001) fejn inghad li:

*"jinkombi fuq il-konvenut illi jiehu l-mizuri kollha necessarji sabiex jassigura l-inkolumita' tieghu u l-utenti l-ohra tat-triq. Dawn il-mizuri jinkludu fost affarijiet ohra 'a proper look out' ghall –vetturi l-ohra kollha illi jkunu ghaddejjin minn din it-triq principali, liema vetturi ghandhom id-dritt ikomplu fit-triq taghhom minghajr xkiel minn vetturi ohra … ….".*

*"Il-konvenut ma jistax isib konfort fil-fatt illi kien l-istess sewwieq tat-transit li ghamillu s-sinjal biex johrog. Dan is-sewwieq seta' ghamel is-sinjal ghax kien komdu ghalih li jaghmlu, izda zgur ma kienx f'posizzjoni illi jara dawk il-vetturi gejjien mix-xellug minn warajh, quindi kien jinkombi fuq il-konvenut illi jiehu l-mizuri kollha necessarji sabiex jassigura illi wara dak il-van ma kien hemm hadd … ... tajjeb jew hazin is-sewwieq tat-Transit ma kellu ebda dritt jaghti struzzjonijiet lill-terzi. Setgha ghamilhom in buona fede jew inkella bhala mezz ta' kortesija, pero' xorta jibqa' l-fatt illi dan ma jesonerax lis-sewwieq l-iehor illi jiehu hsieb hu u jara illi l-pass tieghu jkun kopert bil-mizuri kollha necessarji sabiex jaghmel din il-manuvra".*

Illi huwa veru li kif inghad fis-sentenza **"Salvatore Bongailas vs Joseph Mercieca"** (A.C. 20 ta' Jannar 1967) kull kaz ghandu jigi mgharbel in bazi ghall

fattispecie tieghu, izda kif inghad fis-sentenza fuq citata u wkoll f'dik fl-ismijiet **"Socjeta' Citadel Insurance p.l.c. vs Alan Muscat"** (P.A. (RCP) 25 ta' Mejju 2000) u wiehed irid jhares dejjem lejn l-principji fuq stabbiliti dwar id-dritta tat-triq u ghar-regolamenti tat-traffiku u ghalkemm tali regoli ma humiex ligi, xorta huma indizzjali ghall-sewqan prudenti, li l-ewwel konsiderazzjoni taghhom mhux li jistabbilixxu dritta, izda sabiex tigi stabbilita ordni fis-sewqan, bazilari ghal certu grad ta' sikurezza fuq it-toroq taghna, u din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz ghandha tapplika l-istess regola, u l-gurisprudenza fuq indikata tattribwixxi grad ta' responsabblita' ferm ikbar fuq il-konvenut li kien qed jikser il-*flow of traffic,* anke ghaliex il-konsistenza tar-regoli fis-sewqan, bhal konsistenza f'kull haga ohra, jghinu sabiex l-istess utenti tat-toroq jkunu jistghu ahjar jirregolaw ruhhom, u b'hekk jigu evitati aktar sinistri. Dan ma jidderogax mill-principju li kull kaz jigi deciz fuq il-mertu u il-fattispecie tieghu, pero' r-regoli tas-sewqan dejjem qeghdin hemm, kif ukoll l-eccezzjonijiet ghall-istess regoli, liema eccezzjonijiet jigu biss applikati f'kazijiet specifici u determinati.

Illi l-konvenut qed isostni bazikament li l-istess attur kien *main road abuser* stante li kellu d-dawl mitfi u kien qed isuq bi *speed* eccessiv, izda fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan ma irrizultax ippruvat mill-istess konvenut. Infatti dwar d-dwal tal-attur, l-konvenut lanqas seta' jikkonferma jekk l-attur kellux dawl jew le, u dan juri wkoll nuqqas ta' attenzjoni ulterjuri da parte tal-istess konvenut, apparti l-fatt li certament dan ma jwassalx sabiex jipprova l-allegazzjonijiet tieghu. Illi dwar il-velocita' li kien ghaddej biha l-attur, din fl-opinjoni ta' din il-Qorti lanqas giet ippruvata, u dan apparti l-fatt li dak li kkawza l-incident in kwistjoni w ghalhekk il-kawza prossima tal-incident in ezami ma kienitx il-velocita' tal-attur, izda l-fatt li l-konvenut mar kontra l-*flow of traffic* u qasam triq principali minghajr ma ha l-prekawzjonijiet necessarji sabiex jaghmel dan, u minghajr ma esplora l-istess triq minn fejn kien gej l-attur sewwa b'mod li seta' jara dak li kien fit-triq u ghalhekk l-istess konvenut ma zammx *proper look out.* Dan u dan biss kien il-kawza tas-sinistru odjern.

Illi l-konsegwenza ta’ dan hija li peress li l-istess konvenut ma zammx *proper look out,* pogga ruhhu f’*self inflicted incapacity* sabiex jevita l-istess incident, u holoq *sudden emergency* lill-utenti tal-istess triq principali, inkluz ghall-attur innifsu, li kellu d-dritta kollha tat-triq. **(“Avra Insurance Agency Limited et vs Joseph Gatt”** (P.A. (RCP) 26 ta’ April 2001); **“Laferla Insurance Agency Limited vs Arthur Grech”** (P.A. (RCP) 29 ta’ Mejju 2001); **“Simon Spiteri vs Louis Caruana”** (P.A. (RCP) 11 ta’ Ottubru 2001); **“Fogg Limited nomine vs Jesmond Ellul”** P.A. (RCP) 22 ta’ Jannar 2002).

Illi dan l-insenjament jinsab konfortat f’diversi sentenzi fosthom **“Owen Azzopardi vs Mary Frances Borg”** (P.A. 25 ta’ Mejju 1992) fejn inghad illi:-

*“Il-kawza prossima, immedjata w unika ta’ l-incident kienet il-mod inkonsult kif l-konvenut qabad u hareg … … …* (quddiem l-attur u fuq triq principali kontra l-*flow of traffic)*, *bla ma ha l-prekawzjonijiet kollha li hu kien obbligat jiehu qabel ma johrog fuq it-triq principali fiha l-attur certament kellu id-dritta. L-attur allura fil-konfront tal-konvenut ma kien jehtieglu jipprova xejn biex jiskolpa ruhu ghax hu kellu kull dritt jippretendi li l-karreggiata tieghu tkun ghal kollox hielsa mit-traffiku liema kienx qed jigi bhal misjuq fuq it-triq principali. Hu zgur li, ghalkemm l-attur kellu jzomm quddiem ghajnejh li seta’ jkun hemm xi traffiku jistenna biex johrog ghal fuq il-karreggiata tieghu mit-toroq laterali* (u minn fejn kien gej il-konvenut)*, hu ma kellu l-ebda obbligu li jcedi lil tali traffiku jew li jaghti attenzjoni partikolari ghalih”.*

Illi ghalhekk il-fatt li l-attur ma rnexxielux jevita l-incident ma ghandux iwassal sabiex tigi apporzjonata lilu xi responsabblita’ ghall-istess incident ta’ liema grad tkun u dan anke in vista ta’ dak li nghad fis-sentenza **“Alexander Bartolo vs Kalcedon Micallef”** (P.A. 16 ta’ Frar 1972) fejn gie ribadit li:-

*“Illi l-fatt li l-attur ma rnexxielux jevita l-kollizzjoni ma ghandux jigi mehud kontra tieghu stante li huwa kien iffacjat b’sudden emergency u mhux kull persuna*

*f'mument tali tista' tagixxi bilfors b'mod perfett u f'dan il-kuntest huwa sintomatiku dak li ntqal fis-sentenza **"Paul Deguara vs Raymond Chilton"** mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar 1988 (LXXII.ii.181) u cioe':-*

*"Fil-fehma tal-Qorti bil-manuvra errata li ghamel, l-attur* (f'dan il-kaz il-konvenut) *ikkrea "a sudden emergency" lill-konvenut (*f'dan il-kaz l-attur) *li f'dawk ic-cirkostanzi kien gie kostrett jiehu xi xorta ta' "evasive action". Din il-Qorti ga' kellha okkazzjoni ohra fejn ippronunzjat ruhha f'kaz simili dwar l-implikazzjonijiet legali nvoluti (ara **"John Debattista vs Maria Theresa Vella et"** deciza minn din il-Qorti fit-2 ta' Novembru 1987). Inutili li wiehed joqghod jghid kif imissha rreagixxiet persuna li kienet involuta f'kollizzjoni meta tkun rinfaccjata b' "sudden emergency" ikkawzata mill-parti l-ohra. Din hija haga psikologika u mhux kulhadd jirreagixxi l-istess fl-istess cirkostanzi. F'dan il-kaz, wiehed jista' jghid li, kieku ma kienitx il-manuvra errata tal-(konvenut) il-kollizzjoni ma kienitx issir. … … … … Li gara f'dan il-kaz huwa li s-sewqan hazin tal-*konvenut *ikkrea sitwazzjoni tali li s-sewwieq l-iehor ma setghax jevita l-habta bl-evasive action li ha.".*

Illi ghalhekk il-konvenut ghandu jinzamm unikament responsabbli ghall-istess incident.

## III. <u>LIKWIDAZZJONI TA' DANNI</u>

Illi l-attur isostni li huwa sofra l-ammont ta' tlett elef lira Maltija (Lm3,000) bhala danni ghax il-karozza tieghu li kienet ilha ftit zmien biss barra spiccat *beyond economical repair.*

Illi dwar dan l-ammont l-istess attur ressaq il-prova tal-valur tal-istess karozza tramite l-persuna minn ghand min xtara l-istess, cioe' Lawrence Curmi fid-deposizzjoni tieghu tal-20 ta' Marzu 2001, u dan bla ebda mod ma gie kontradett mill-konvenut, lanqas fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, kif lanqas gie kontestat il-fatt li l-istess vettura tal-attur spiccat *'total loss'.*

Illi ghalhekk l-ammont ta' danni li ghandhom jigu likwidati favur l-attur huwa dak ta' tlett elef lira Maltija (Lm3,000), u ghalhekk it-tieni (2) u it-tielet (3) talba attrici ghandhom jigu milqugha fl-istess ammont kontra l-konvenut.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

1. Tiddikjara li l-incident *de quo* li gara fil-limiti ta' Hal Tarxien fit-2 ta' Awissu 1998 gara unikament tort tal-konvenut u ghalhekk l-istess konvenut huwa unikament responsabbli ghall-istess u ghad-danni sofferti mill-attur.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'risultat ta' dan l-incident fl-ammont ta' tlett elef lira Maltija (Lm3,000);

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tlett elef lira Maltija (Lm3,000) bhala rappresentanti d-danni sofferti mill-attur kawza tal-incident in kwistjoni.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' Settembru 1998 u dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut fid-data tal-prezentata tac-citazzjoni attrici u bl-imghax mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-istess konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**7 ta' Jannar 2003**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**7 ta' Jannar 2003**